# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Deċiżjoni Nru 2750

# Illum 20 ta' Lulju, 2022

**Spjegazzjoni dettaljata tal-mod kif ġie likwidat il-kumpens kif ordnat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenza datata 15 ta' Lulju, 2022**

Każ Numru 3843/JG

Fil-Kwistjoni tax-xogħol

Bejn

Mario Farrugia (K.I. 675651M)

U

Signal 8 Security Services Malta Limited (C 54368)

*Dwar: Tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta*

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud.,MAAT**

**Introduzzjoni**

Il-każ kien riferut lura lit-Tribunal Industrijali permezz ta' deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) preseduta mill-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff - seduta tal-15 ta' Lulju, 2022 referenza Appell Inferjuri numru 81/2021 LM.

Permezz ta' din id-deċiżjoni l-Onorabbli Qorti ċaħdet l-ewwel tliet aggravji tas-soċjetà appellanta filwaqt li laqgħet ir-raba' aggravju u ordnat li l-atti tal-każ

jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex fi żmien għaxart (10) ijiem minn din id-deċiżjoni, jagħti motivazzjoni eżatta u dettaljata tal-mod kif ġie likwidat il-kumpens minnu.

It-Tribunal ħa konjizzjoni ta’ din l-ordni u wasal għad-deċiżjoni li jistabbilixxi kumpens ta’ €18,520 (tmintax-il elf, ħames mija u għoxrin euro), kalkolati kif segwenti;

It-Tribunal ikkonsidra li r-rikorrent kellu l-possibilità reali li jkompli jaħdem fl-istess xogħol tal-anqas għal 15.8-il xahar oħra. Il-kumpens dovut jinħadem kif segwenti;

Rata ta’ ħlas dovuta għas-Security Officers li jaħdmu f’entitajiet Governattivi fis-sena 2020 kienet €6.69 għal kull siegħa xogħol filwaqt li fis-sena 2021 ir-rata kienet €6.88 għal kull siegħa xogħol.

Ir-rikorrent is-Sur Mario Farrugia kien terminat fit-30 ta’ Jannar, 2020 għalhekk is-Sur Farrugia seta’ jaħdem 11-il xahar oħra fis-sena 2020 bir-rata ta’ €6.69 għal kull siegħa xogħol u 4.8 xhur oħra fis-sena 2021 bir-rata ta’ €6.88 għal kull siegħa xogħol.

Għalhekk ir-rata:

| | | |
|---|---|---|
| għas-sena 2020 ta’ €6.69 x 173 sigħat xogħol x 11-il xahar | = | € 12731.07 |
| għas-sena 2021 ta’ €6.88 x 173 sigħat xogħol x 4.8 xhur | = | € 5713.15 |
| kumpens nominali għall-ħsara tar-reputazzjoni | = | € 75.78 |
| Kumpens total | = | € 18,520.00 |

(iffirmat)

Joseph Gerada

Chairperson